III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/669/PESK

**tas-16 ta' Ġunju 2008**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw dwar l-Istatus tal-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fir-Repubblika tal-Ginea Bissaw**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Novembru 2007, il-Kunsill ikkunsidra li azzjoni tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD) fil-qasam tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (SSR) fil-Ginea Bissaw tkun xierqa, f'koerenza ma' u komplimentari għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u attività oħra Komunitarja.

(2) Wara t-tieni missjoni ta' l-UE għall-istabbiliment tal-fatti mibgħuta f'Ottubru 2007, fl-10 ta' Diċembru 2007 l-Kunsill approva l-Kunċett Ġenerali għal azzjoni potenzjali tal-PESD b'appoġġ għall-SSR fil-Ginea Bissaw.

(3) Fit-12 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/112/PESK dwar il-missjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika tal-Ginea Bissaw (EU SSR GUINEA-BISSAU) [1].

(4) Ftehim dwar l-istatus tal-missjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika tal-Ginea Bissaw ġie nnegozjat bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw.

(5) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw dwar l-Istatus tal-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fir-Repubblika tal-Ginea Bissaw huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni [2].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna/i mogħtija s-setgħa biex tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim sabiex torbot/jorbtu lill-Unjoni [3].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 16 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. RUPEL

[1] ĠU L 40, 14.2.2008, p. 11.

[2] Ara paġna 66 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[3] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.